MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Numru. 1131/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Elton Taliana]**

**vs**

**Ian Sciberras**

Kumpilazzjoni Numru 1131/2008

**Illum 10 ta'Jannar 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ian Sciberras, ta' 18 -il sena, bin  Raymond u Pauline nee' Micallef, imwieled Pieta' nhar is-19 ta' Marzu, 1989 u li joqghod fil-fond, Amaranth, Triq il-Pitkali, Attard u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 139689 (M)

Akkuzat talli nhar it-23 ta’ Frar 2008 ghall-habta ta’ 23:30hrs gewwa il-Kazin tal-Futbol, fi Triq il-Kbira, Balzan, minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta’ haddiehor f’ periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravissima fuq il-persuna ta’ George Mifsud minn Hal-Balzan skond if iccertifika Dr Christian Satariano B.Ch.D u Dr. Maria Felice Klaumann;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil George Mifsud, biza’ li ser tintuza vjolenza kontrih, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu ser tikkagunalu biza’.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz tabghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:
a) 214 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 382(A), 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jitratta glieda li sehhet f’kazin f’Hal-Balzan bejn tnejn minn-nies (l-imputat u certu George Mifsud) li kienu qeghdin hemm ma’ hbieb u/jew familjari taghhom. L-imputat (fost ohrajn) kien ma’ ohtu u t-tfajla tieghu, Tania Sammut, li qabel kienet tohrog ma’ l-imsemmi George Mifsud u li mieghu ghandha tifel.

Illi George Mifsud jirrakkonta u jghid li hu kien il-kazin meta dahlu ukoll l-imputat, ohtu, u Tania Sammut. F’xi hin Mifsud mar it-toilet (li qieghed fil-bitha tal-kazin) u meta kien hiereg sab lill-imputat hdejn il-bieb; bdew jitkellmu u malli bdew jitkellmu fuq it-tifel ta’ Mifsud id-diskursata

zvilluppat f'argument. Tfaccaw Tania u oht Ian (li jisimha Fabienne) u dawn pruvaw jintervjenu biex jikkalmaw l-affarijiet; Tania pero incidentalment laqtet lil Mifsud u l-imputat imbuttah; Mifsud waqa ma'l-art u habit sninu mal-koxxa tal-bieb; hekk kif hu kien ma'l-art l-imputat tah xi daqqtejn bis-sieq sakemm gew xi nies u ferrquhom.

Illi l-imputat mhux biss irrilaxxja stqarrija imma anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. Huwa jirrakkonta li kien hu li l-ewwel mar it-toilet u immedjatament warajh tfacca ukoll Mifsud li affrontah fuq it-tifel. Hu jghid li hekk kif hargu mit-toilet, l-ewwel Mifsud mbaghad hu, sabu lil Tania u Fabienne. Tania staqsiet x'kien gara u ghal din il-mistoqsija Mifsud taha daqqa ta' harta; x'hin ra hekk l-imputat imbotta lil Mifsud u b'hekk gew f'idejn sa kemm gew xi nies iferrquhom. L-imputat jghid li hadd minnhom it-tnejn ma waqa' ma'l-art. Jichad li huwa ta' daqqiet ta' sieq lil Mifsud.

Illi jidher li f'dan l-incident soffrew griehi kemm Mifsud, l-imputat. kif ukoll Tania Zammit.

Illi minbarra George Mifsud u l-imputat tressqu diversi xiehda b'l-ghan li jigi rizolt dan il-kunflitt apparenti fiz-zewg verzjonijet fuq imsemmija. Mill-persuni li tressqu uhud ma taw l-ebda informazzjoni utli fis-sens li meta waslu fil-bitha l-imputat u Mifsud diga kienu mferrqin; tlett persuni biss lahqu parti, jew l-incident kollu u dawn huma Tania Sammut, Fabienne Sciberras u Alvin Wannous.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirrileva mill-ewwel li hadd minn dawn mit-tlett xhieda ma rrizulta kredibbli wisq, u dan il-Qorti tghidu wara li kellha l-opportunita tarahom u tismaghhom waqt id-depozizzjoni taghhom. Tania Sammut u Fabienne Sciberras jirriproducu kwazi kelma b'kelma dak li rrakkonta Ian Sciberras apparti l-fatt li huma skredieti f'xi aspetti ta' dak li jghidu minn fatti li jirrizultaw minn provi ohra; Wannous min-naha l-ohra jirrakkonta fi kliemu dak li hu jallega li ra pero huwa skreditat minn fatti li jirrizultaw minn provi ohra. Konsegwentement il-Qorti jiddhrilha li ma tistax tistrih fuq dawn id-depozizzjonijiet.

Illi pero mill-assjem tal-provi jirrizultaw xi fatti li jistghu jghinu lill-Qorti f'l-ezami tad-depozizzjoni taz-zewg partijiet principali u l-kredibilita taghhom.

Illi Mifsud jispjega li l-argument zviluppa f'wiehed fiziku wara li Tania pruvat tressqu minn hdejn l-imputat u laqtietu incidentalment, ghaliex malli gara hekk l-imputat imbuttah. Il-Qorti ma tantx tara logika f'din l-allegazzjoni ghaliex ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn l-imputat kellu jimbotta lil Mifsud wara li laqtietu Zammit. Mifsud jghid ukoll li l-imputat tah daqqiet ta' sieq f'l-istonku pero ma kellu l-ebda sinjal vizibbli ta' dan. Ezami tac-certifikati medici u anke tad-depozizzjoni tat-tobba li xehdu f'dawn il-proceduri jirreferu ghal griehi hfif f'wicc Mifsud u m'hemm l-ebda referenza ghal xi griehi ohra inkluz xi bdengiel f'sidru jew l-istonku. F'dan ir-rigward ghandu jinghad ukoll li Mifsud hass li kellu jiehu ritratti tal-griehi li soffra u b'mod partikolari dawk li ma tantx kienu ser jibqghu jidhru. Ghal dan il-ghan Mifsud qabbad lil huh li ukoll qal li hu ha ritratt tal-griehi **kollha** (sottolinear tal-Qorti) li sofra Mifsud; huwa interessanti li r-ritratti esebieti juri xi abbrazzjonijet u bdengil f'wicc Mifsud u xejn aktar.

Illi dwar l-allegazzjoni li waqt dan l-incident Mifsud sofra ksur ta' xi sinna l-Qorti tibda biex tirrileva li jirrizulta li Mifsud ghandu sinna mkissra; il-kwistjoni hija jekk din inkisritx fil-glieda de quo. Mid-depozizzjoni ta' Dr Christian Satariano jirrizulta li ghalkemm huwa ma setghax jikkonstata ezattament meta kien sehh il-ksur fis-sinna ta' Mifsud huwa seta jikkonstata li ma kenitx ilha snin imkissra. Dan allura jiskredita l-allegazzjoni ta' Tania Sammut u ommha meta pruvaw jikkonvincu lill-Qorti li Mifsud kien kiser is-sinna meta kien ghadu tifel. Pero min-naha l-ohra l-kontradizzjonijiet ta' Mifsud dwar ma' min kien jikkonsulta ghal dak li jikkoncerna sahha dentali (u dan f'l-isfond tal-kunsiderazzjonijiet l-ohra imsemmija aktar 'l fuq) jimpingu fuq il-kredibilita tieghu f'dan l-aspett ukoll.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali hija dik li huwa ikkawza griehi ta' natura gravissima fuq George Mifsud.

Illi huwa princiju ben stabbillit li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova 'l hemm minn kull dubbju ragonevoli r-reita ta'l-imputat u mhux l-imputat li jrid jipprova l-innocenza tieghu.

Illi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni kellha tiddependi fuq xhieda li rrendew lilhom infushom inaffidabbli u li ma taw l-ebda kontribut ghar-rizoluzzjoni tal-kunflitt fil-verzjoni moghtija miz-zewg xhieda principali (Mifsud u l-imputat). In oltre dawk il-fatti li rrizultaw (partikolarment dawk dwar il-griehi li sofra Mifsud, pero mhux biss) ghenu biss biex jiskreditaw lil Mifsud u xi xhieda ohra b'mod li l-Qorti ma setghetx tirrizolvi l-kunflitt.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi ma jistghax jinghad li l-imputazzjoni addebietata lill-imputat giet pruvata 'l hemm minn kull dubbju ragonevoli.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------